**Minuti tal-450 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju, 2015**

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Vella, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Agius (Is-Sway).

Is-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa fis-6.07 ta' filgħaxija u s-Sur Mark Grech daħal fis-6.15 ta' filgħaxija.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil kienet skużata.

Inqrat ittra ta' skuża mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jiġi skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Jospeh Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jiġi skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fit-tieni paragrafu ta' paġna 262 u minflok il-kliem '*stop signs* fi Triq Santa Duminka, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq l-Iskola, Triq il-Karmnu u Triq Lia.' jidħol il-kliem '*stop signs* fi Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq l-Iskola u tingħata prijorità sabiex isiru *stop signs* fuq iż-żewġ naħat ta' Triq il-Karmnu bejn Triq Santa Duminka u Triq Lia peress illi kienu qed isiru ħafna inċidenti tat-traffiku.'

Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni ukoll fit-tielet paragrafu ta' paġna 267 u minflok il-kliem 'Triq l-Iskola' jidħol il-kliem 'Triq ix-Xgħajra'.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fit-tielet paragrafu ta' paġna 265 u minflok il-kliem 'Triq G Agius Muscat' jitniżżel il-kliem 'Triq is-Santwarju'.

Fis-6.10 ta' filgħaxija s-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fit-tminn paragrafu ta' paġna 265 u minflok il-kliem 'u minflok ikun hemm żewġ karreġġjati issir karreġġjata waħda' jidħol il-kliem 'u minflok isiru żewġ karreġġjati minflok karreġġjata waħda'.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fis-sitt paragrafu ta' paġna 263 u minflok il-kliem 'fit-18 ta' Lulju 2015' jidħol il-kliem 'fil-25 ta' Lulju 2015'.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li issir korrezzjoni fis-seba' paragrafu ta' paġna 263 u wara l-kliem 'u €5,000 mill-V18.' jitniżżel il-kliem 'Is-Sur Joseph Vella kien ġie verbalment nfurmat illi ser kien ser jingħata din l-għajnuna finanzjara.'

Il-minuti tal-448 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Marc Vella Bonnici.

Il-minuti tal-449 laqgħa li saret b'urġenza ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

<u>Item 3 – Punti li joħorġu mill-Minuti</u>

Is-Sinjura Anna Callejja qalet li l-*stop signs* fi Triq il-Karmnu bejn Triq Santa Duminka u Triq Lia kienu għadhom ma sarux.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex tkun taf meta kienu ser isiru l-laqgħat tal-Kunsill fil-komunità sabiex jiġi diskuss mal-pubbliku t-*traffic management* fl-inħawi ta' Triq Santa Duminka, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq l-Iskola, Triq il-Karmnu u Triq Lia. Is-Sindku talab l-għajnuna tal-Kunsilliera sabiex ikunu jistgħu jsiru l-laqgħat fil-komunità peress illi din l-attività kienet tinvolvi ħafna xogħol minn naħa tal-Kunsill. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa sabiex il-Kunsill iħejji pjanta tat-*traffic management* biex din tiġi diskussa matul il-laqgħat li ser isiru mill-Kunsill mar-residenti. Is-Sur Joseph Agius talab li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel pjanta ta' *traffic management* sabiex tiġi diskussa mar-residenti.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien qed jagħmel xogħol tal-Kunsill relatat mal-attività li ser jorganizza fil-11 ta' Ġunju, 2015 flimkien mas-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto. Is-Sur Buttigieg qal ukoll illi s-Sinjura Testaferrata telqet mingħajr ma tagħtu ebda *feedback* dwar din l-attività. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa lis-Sindku jekk kienetx tagħat *handover* qabel ma telqet. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sur Joseph Buttigieg

qal li ghal din l-attività l-Kunsill irid jipprovdi l-*projector* u *screen*, filwaqt illi jinġieb *laptop* mid-Dipartiment ghall-Kura tas-Sahha Primarja. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività.

Fis-6.15 ta' filghaxija is-Sur Mark Grech dahal ghal-laqgha.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien attenda l-kunċert tas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ liema attività kienet ta' suċċess.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien lest li joffri l-ghajnuna tieghu lill-kunsilliera meta tkun ser tiġi organizzata attività minnhom f'isem il-Kunsill.

Is-Sindku staqsa jekk kienetx harġet is-sejha ghall-*Assistant Principal Officer* (Skala 11). Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sejha kienet ser tohroġ fil-jiem li ġejjin.

Is-Sindku staqsa jekk kienetx harġet is-sejha ghall-skrivan *back to back* (skala 15). Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien ser jitlob il-permess tad-Dipartiment ghal din il-kariga.

Item 4 – Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitat

Inqraw il-minuti tal-65 laqgha tal-Kumitat Amministrattiv St Peter. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

Inqraw il-minuti tal-ewwel laqgha tas-Sotto-Kumitat ghaż-Żghażagh u Edukazzjoni. Dawn ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja. Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-Kunsill ihallas ghall-kiri tas-sala ghal tlett ijiem kif ukoll biex isir filmat u wara l-attività jiġi organizzat riċeviment żghir li jkun fih bibiti mhux alkoholiċi ghaż-żghażagh. Is-Sur Grech talab sabiex jekk ma jkunx hemm talba ghall-hlas relatat mal-filmat, il-Kunsill jikkunsidra li jinghata rikonoxximent tal-okkażjoni. Is-Sur Grech qal illi l-ispiża totali sabiex tiġi organizzata din l-attività ser tkun ta' madwar €2,000. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività.

Fis-6.30 ta' filghaxija is-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

Item 5 – Korrispondenza

Dwar *Memo* 10/2015 mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, qabel unanimament li japplika ghal skema ta' ghajnuna finanzjarja u jitlob li jinghata l-ammont ta' €600 u johroġ l-istess ammont ta' flus.

Inqrat *Memo* 11/2015 mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-Iskema ta' Finanzjament ghal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żghar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet

issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japplika biex iġib fondi għar-restawr tal-Mina ta' Hompesch.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Jeffrey Ellul mill-Uffiċċju Elettorali sabiex jingħata isem lil triq bla isem fil-viċinanzi ta' *Block* H fil-Qasam tad-Djar ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li din it-triq tingħata l-isem uffiċjali ta' Triq il-Ward.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Nexos Street Lighting* fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi wara laqgħa li saret mal-Kumitat Konġunt li ħareġ is-sejħa għall-offerti għall-manutenzjoni ta' dwar tat-toroq, il-kumpanija kienet ser iżomm l-istess rati tal-kuntratt preċedenti minbarra l-*items* ġodda li ma kienux inklużi fit-*tender* 01/05, kif ukoll *item number* J8 u *call charge* għal kull tlett oġġetti li issa ser tkun ta' €19.80. Il-kumpanija *Nexos Street Lighting* kienet l-unika offerent u din id-deċiżjoni ttieħdet ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-Kunsill Lokali ma ngħatax żieda fil-fondi għall-manutenzjoni ta' toroq. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċettaw ir-rati u l-kundizzjonijiet.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Joan Mangion, mir-Reġjun Xlokk fejn infurmat lill-Kunsilli illi s-servizz offrut minn *Relos Services Limited* għas-servizz ta' *Authorised Officers* kien twaqqaf u li l-ammont annwali ta' €60,000 kien ser jiġi mqassam lill-kunsilli lokali u lir-reġjuni.

Item 6 - Xogħol tal-Kunsill

Rapport tal-Udituri u Ittra ta' Direzzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport tal-Awditur għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2014 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni. Kopja ta' dawn id-dokumenti ngħatat lis-Sindku u lil kull Kunsillier. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-*Management Letter*.

Skeda tal-Pagamenti

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mit-28 t' April 2015 sal-25 ta' Mejju 2015 li kien jammonta għal €22,284.74.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' April 2015 li kien jammonta għal €106.13.

Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena finanzjarja Jannar – Diċembru 2014. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Item 7 - Aġġudikazzjoni ta' offerti u deċiżjoni dwar il-kuntratti :

Aġġudikazzjoni ta' offerti għall-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku (ZLC 3/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerta li saret għas-servizz ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku. Is-Segretarju qal illi kien hemm offerta waħda għal dan is-servizz, dik mingħand il-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku. Id-dokument kellu id-dokumenti kollha mimlija u ffirmati. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (Is-Sway) li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-offerta tal- Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku.

Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet għal xiri ta' *photocopier* professjonali (ZLCQT 1/2015)

Il-Kunsill għadda biex jevalwa l-kwotazzjonijiet li kienu ġew mitfugħa għax-xiri tal-*photocopier*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri l- *photocopier* mingħand *Strand Electronics* għall-prezz ta' €1,062 *Option A* li kienet l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2012) kien ser jagħlaq fis-17 ta' Awwissu 2015. Dan il-kuntratt ma jistax jerġa' jiġi mġedded għal sena addizzjonali u għalhekk trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Item 8- Attivitajiet Kulturali

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li fis-26 ta' Mejju, 2015 jorganizza l-attività *Healthy Lifestyle Day* flimkien mal-iskola Primarja A u jingħata flixkun ilma lit-tfal tal-iskola matul din l-attività.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attività *Annual Presentation Night* flimkien mas-*St Patrick Youth Football Nursery* u li jingħataw *mementos* tal-okkażjoni.

Item 10 - Tifkira tat-300 sena tal-Inkwatru Titulari

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attività flimkien mal-Knisja ta' Ħaż-Żabbar biex tiġi mfakkra t-300 sena tal-Inkwatru Titulari. L-ispiża biex tiġi organizzata din l-attività mistennija tkun ta' madwar €5,000.

Item 9 - Gabbani tal-Festa

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi issa li kienet qiegħda tiġi rranġata l-bankina ta' Triq tal-Labour mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura kienet ser tinħoloq problema għat-traffiku meta jarmaw il-gabbani fi żmien tal-festa. Is-Sindku ssuġġerixxa li Triq tal-Labour issir *one way* għat-traffiku. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li parti minn Triq tal-Labour tingħalaq għat-traffiku. Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) issuġġerixxa sabiex ma jintramawx gabbani fil-viċinanzi tac-*central strip*

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir spezzjoni fuq il-post sabiex tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

Is-Sindku qal illi kien irċieva talba mingħand il-Kappillan sabiex il-gabbani tat-*toys* ma jarmawx fil-viċinanzi tal-knisja.

Is-Sur Joseph Vella qal illi l-gabbani tat-*toys* fil-viċinanzi tal-knisja kienu estetikament koroh u ssuġġerixxa li minflok maġenb il-knisja jinstab post alternattiv għall-posti tat-*toys* fil-viċinanzi.

Is-Sur John J Pace qal illi l-Kappillan kien ilmenta miegħu dwar gabbana li qed tintrama fi Triq is-Santwarju taħt l-istatwa ta' San Ġużepp.

Item 11 - Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsillieri

Is-Sindku qal illi x-xogħol ta' *patching* estensiv kien għadu ma nbediex peress illi l-ħaddiema assenjati sabiex jagħmlu dan ix-xogħol kienu għadhom ma lestewx minn lokalità oħra.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħol fi Triq il-Ġnien kien wasal biex jinbeda u qal li l-Kunsill kien ser javża lir-residenti.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-sejħa għall-offerti għax-xogħol tal-bandli kienet ser toħroġ fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sur John J Pace talab sabiex il-Kunsill jiċċekkja jekk kienx hemm bżonn li ssir talba lil Transport Malta sabiex issir *parking bay* għall-persuni b'diżabilità fi Triq G Agius Muscat.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab sabiex jitneħħew id-*double yellow lines* li hemm f'parti minn Triq Santa Tereża.

Is-Sindku talab sabiex jitneħħa t-taraġ li hemm fuq il-bankina tal-iskola Primarja B fi Triq Santa Tereża u minflok issir rampa.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex issir *reserved parking* għall-ambulanza fil-viċinanzi ta' Skola Primarja A peress illi f'din l-iskola kien hemm tifla li tbati b'kundizzjoni ta' saħħa.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex il-Kunsill jagħmel talba lil Transport Malta sabiex jitpoġġew *bollards* madwar it-toroq tal-iskola matul il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ mill-iskola biex b'hekk ma jidħlux vetturi u jkunu ta' periklu għall-istudenti.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex tiġi rranġata *parking bay* fi Triq il-Qaqoċċ peress illi ma kinitx toqgħod karozza. Is-Sindku qal illi dan il-parkeġġ kien ser jinbidel f'parkeġġ għal mutur.

Is-Sur Joseph Vella qal illi kien hemm ħafna *tyres* fil-viċinanzi ta' Triq Bieb is-Sultan li jistgħu jkunu ta' periklu f'każ ta' nar.

Is-Sur Joseph Agius qal illi x-xogħlijiet li kien talab waqt il-laqgħa tal-Kunsill kienu għadhom ma sarux kollha.

Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-kopja ta' korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva fejn ġie mħeġġeġ sabiex jimpjega aktar ħaddiema taħt l-iskema tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Is-Sindku qal illi kien talab lid-Direttur tal-ħabs sabiex tintbgħat persuna biex tagħmel xogħol klerikali.

Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-korrispondenza li kien irċieva relatata ma' serje ta' laqgħat ta' informazzjoni għall-kunsilli lokali dwar il-fondi tal-UE. Is-Sur Agius qal illi ma setax jattendi għal-laqgħat fil-ġranet skont l-iskeda u għalhekk kien ser jitlob lil MEUSAC sabiex ikun jista' jattendi flimkien mar-rappreżentanti tal-Kunsill Lokali Fgura.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex wara li jsir ix-xogħol ta' *patching* estensiv fi Triq il-Kunvent, issir talba lil Transport Malta sabiex issir *zebra crossing* fil-parti tat-triq fejn hemm il-ħwienet. Is-Sur John J Pace qal illi fi Triq il-Kunvent hemm lok ta' żewġ *zebra crossings.*

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex isir *refresh* ta' *stop sign* li hemm fi Triq il-Qalb Imqaddsa ma' Triq il-Kunvent.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi d-dawl tal-Mina ta' Hompesch mhux jixgħel kollu.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien irċieva talba minn sid ta' ħanut sabiex jinbidlu l-ħinijiet tat-tabella tal-*loading / unloading bay* li hemm fi Triq Tumas Dingli u minflok

isiru mis-7.00 ta' filghodu. Is-Sindku qal illi Transport Malta jistghu jsibu oġġezzjoni peress illi s-7.00 ta' filghodu kien kmieni wisq.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal li t-tabella li tindika iż-żona tal-Plier kienet tnehhiet u talab sabiex titwahhal tabella ġdida fil-viċinanzi ta' Triq Santa Marija.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *zebra crossing* fil-vicinanzi ta' Misrah tal-Madonna Medjatriċi.

Il-Viċi-Sindku, is-Sur Domenic Agius, talab sabiex tiġi rranġata bankina mkissra li hemm fi Triq il-Kunvent fil-viċinanzi tal-iskola.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex parti minn Triq il-Karmnu issir *two way* minhabba l-*coaches* tal-iskola.

Il-laqgha spiċċat fit-8.15 ta' filghaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-451 laqgha li saret nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju, 2015.

Marc Vella Bonnici
Sindku